MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 147/2006/1

**RS2 International (Malta) Limited u b'nota tat-18 ta' Ottubru 2006 infurmat lill-Qorti li isimha gie mibdul ghal RS Software Limited**

**v.**

**Dr. Stephen Muscat li b'digriet tat-22 ta' Marzu 2006 gie nominat**
**kuratur deputat biex jirrapprezenta lil G-T-P Group Limited**
**qabel maghrufa bhala Global Transaction Processing p.l.c.,**
**socjeta` estera registrata fir-Renju Unit**

Il-Qorti:

**Preliminari:**

Dan hu appell minn sentenza parzjali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju, 2009 meta giet michuda l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti sollevata fl-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Dan l-appell gie awtorizzat a tenur tal-*proviso* tal-Artikolu 231(1) tal-Kap 12 b'digriet tas-16 ta' Gunju, 2009.

Il-fatti tal-kaz huma esposti kif gej:

B'rikors guramentat pprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Frar, 2006 is-socjeta` RS2 International (Malta) Limited issottomettiet:-
"1. Illi l-kontendenti kienu, permezz ta' skrittura privata iffirmata minnhom fit-2 ta' Mejju 2003 (Dok A), ftehmu li s-socjeta` rikorrenti kellha taghti servizz ta' Maintenance ghal sistemi ta' computers u dan versu l-hlas da parti tas-socjeta` intimata tal-Maintenance Charge dovuta skond u tenur tal-istess ftehim;

"2. Illi skond l-istess ftehim il-Maintenance Charge hija mahduma bhala persentagg [recte: percentwali] tat-Total Licence Fees, u cioe` 20% ta' l-istess Total Licence Fees. Ghalhekk meta gie iffirmat il-kuntratt il-Maintenance Charge giet mahduma fuq is-somma ta' €618,000 rappresentanti t-Total Licence Fees. Dan jidher car fix-Schedule B anessa mal-imsemmi ftehim. Skond il-ftehim originali l-Maintenance Charges kellhom jithallsu sitt xhur bil-quddiem;

"3. Illi sussegwentement, u cioe b'effett mill-1 ta' Mejju, 2005, u dan kif jidher minn Schedule C (Dok B) il-valur tat-Total Licence Fees inbidel u sar €860,000 u ghalhekk il-Maintenance Charge issa saret ta' €172,000 fis-sena. Minhabba li s-socjeta` intimata kienet qed issib diffikulta` biex thallas fil-hin, il-pagamenti gew iffissati bhala li

jithallsu kull xahar bil-quddiem minflok kull sitt xhur bil-quddiem;

"4. Illi skond klawsola 3.4.3 tal-ftehim is-socjeta` intimata kienet obbligata li jkolllha impjegati bizzejjed imharrga u b'kapacita` u kompetenza tali li setghet topera s-sistemi tal-computer provduti mis-socjeta` rikorrenti b'mod sodisfacjenti. Minkejja li s-socjeta` rikorrenti ipprovdiet it-tahrig mehtieg, l-impjegati tas-socjeta` intimata ma kienux bizzejjed kapaci u kompetenti biex joperaw is-sistema;

"5. Illi s-socjeta` rikorrenti ipprovdiet lis-socjeta` intimata tahrig u servizzi ohra ta' support;

"6. Illi, kif jidher mir-rendikont immarkat Dok C, is-socjeta` intimata naqset li thallas u ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €97,168.99 li tirrapprezenta fis-somma ta' €12,595.99 prezz ghal servizz ta' support ipprovdut mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata f'Gunju u Ottubru, 2005 u fis-somma ta' €84,573 bilanc ta' maintenance changes dovuti mis-socjeta` intimata skond il-fuq imsemmi ftehim u Skeda C sa Dicembru, 2005;

"7. Illi s-socjeta` intimata irrifjutat minghajr ebda raguni valida skond il-ligi li thallas id-debitu fuq imsemmi dovut lis-socjeta` rikorrenti. Minkejja dan is-socjeta` rikorrenti baqghet taghti s-servizz taghha sa f'Dicembru 2005, u wara ikkunsidrat il-ftehim rexxiss ipso jure."

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet li, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, il-Prim Awla tal-Qorti Civili joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

"1. tiddikjara li s-socjeta` intimata naqset li thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €97,168.99 (ekwivalenti ghal Lm41,714.64) dovuta minnha lis-socjeta` rikorrenti kif fuq imsemmi;

"2. tiddikjara li s-socjeta` intimata hija inadempjenti taht u skond il-ftehim fuq imsemmi u cioe` dak miftiehem bl-skrittura privata iffirmata minnhom fit-2 ta' Mejju, 2003 (Dok A) u l-iskeda ossija Schedule C (Dok B);

"3. tiddikjara l-ftehim fuq imsemmi u cioe` dak mifthem fl-skrittura privata iffirmata minnhom fit-2 ta' Mejju, 2003 (Dok A) u l-iskeda ossia Schedule C (Dok B) bhala xolt ipso jure b'effett mill-1 ta' Jannar, 2006 u dan minhabba inadempjenza da parti tas-socjeta` intimata;

"4. tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €97,168.99 (ekwivalenti ghal Lm41,714.64) dovuta mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti kif fuq imsemmi.

"Bl-imghax dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data ta' l-effettiv pagament.

Fir-risposta taghha pprezentata fis-16 ta' Ottubru, 2006 (fol. 58) is-socjeta` G-T-P Group Limited eccepiet:
"1. Illi preliminarjament, is-socjeta` intimata qeghda teccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 741(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk ghandha tkun illiberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

"2. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjoni premessa, fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti u b'referenza ghall-istess eccezzjoni, u kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, jinghad:

"(a) Illi l-fatti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 mir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti m'humiex kontestati.

"(b) Illi l-fatti msemmija fil-paragrafu 3 mir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorenti huma kontestati in kwantu ma jirrizultax li l-kontendenti iffirmaw, jew b'mod iehor intrabtu b'Schedule C, aness mar-rikors guramentat

bhala Dok. B, u ghalhekk il-pretenzjoni rikorrenti hija f’kull kaz eccessiva.

"(c) Illi dwar il-fatti msemmija fil-paragrafu 4 mir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti jinghad illi m’huwiex minnu illi l-impjegati tas-socjeta` intimata ma kienux bizzejjed kapaci u kompetenti biex joperaw is-sistema ipprovduta mis-socjeta` rikorrenti.

"(d) Illi dwar il-fatti msemmija fil-paragrafu 5 mir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti jinghad illi s-socjeta` rikorrenti kienet inadempjenti fl-obbligi taghha assunti favur is-socjeta` intimata kif jirrizulta minn Dokument A anness bil-konsegwenza li l-istess socjeta` intimata sofriet danni.

"(e) Illi dwar il-fatti msemmija fil-paragrafi 6 u 7 mir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti jinghad li s-socjeta` rikorrenti ma hallsitx l-ammonti pretizi mis-socjeta` rikorrenti fil-kawza odjerna, wara li kienet ghamlet diversi pagamenti ohra kif del resto jirrizulta minn Dok. C anness mar-rikors odjern, minhabba l-indemppjenza da parti tas-socjeta` rikorrenti, kif spjegat fis-subparagrafu (d) hawn fuq.

"(f) Illi ghalhekk is-socjeta` intimata m’ghandha taghti xejn lis-socjeta` rikorrenti.

"3. Illi hlief dak li jirrizulta mid-dokumenti rilevanti ghall-vertenza bejn il-kontendenti, il-fatti suesposti, id-dikjarant Stephen Muscat, ma jafx bihom personalment.

"4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi, jekk ikun il-kaz."

Is-socjeta` konvenuta, flimkien mar-risposta taghha intavolat ukoll kontro talba fejn Dottor Stephen Muscat in rapprezentanza tas-socjeta` intimata, wara li espona:
“1. Illi s-socjeta` intimata rikonvenjenti hija socjeta` inkorporata taht il-ligi Ingliza, u toffri prodotti, u servizzi lil terzi, fin-negozju ta’ electronic transaction processing.

"2. Illi s-socjeta` rikorrenti rikonvenuta toffri prodotti, u servizzi relatati ma data processsing systems.

"3. Illi permezz ta’ skrittura privata, u s-Schedules relattivi annessi mal-istess skrittura privata, iffirmati mill-kontendenti nhar it-2 ta’ Mejju, 2003 gewwa Londra, is-socjeta` intimata rikonvenuta inter alia ntrabtet li tipprovdi servizz ta’ maintenance ghal sistemi ta’ computers, versu l-hlas da parti tas-socjeta` intimata rikonvenjenti ta’ Maintenance Charge kif stipulat fl-istess skrittura.

"4. Illi s-software relattiv ghas-sistemi ta’ computers imsemmija fil-paragrafu 3 hawn fuq, kien gie supplit mis-socjeta` rikorrenti rikonvenuta stess, u dana a tenur ta’ ftehim iehor precedenti iffirmat bejnha u l-predecessur tas-socjeta` intimata rikonvenjenti.

"5. Illi f’diversi okkazjonijiet, kif imfisser fid-dokument mahrug mis-socjeta` intimata rikonvenjenti anness mar-risposta u immarkat Dok. A, u kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta` rikorrenti rikonvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi taghha assunti permezz ta’ l-iskrittura privata tat-2 ta’ Mejju, 2003, bil-konsegwenza li s-socjeta` intimata sofriet danni irreparabbli konsistenti f’telf ta’ profitti, u dana wkoll kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"6. Illi kif jirrizulta wkoll mill-istess Dok. A, f’diversi okkazzjonijiet is-software ipprovdut mis-socjeta` rikorrenti rikonvenuta ma hadimx tajjeb.

"7. Illi permezz ta’ hekk imsejjah Escrow Agreement bejn il-kontendenti, datat 24 ta’ Frar, 2004 (kopja tieghu annessa u immarkata Dok. A) is-socjeta` rikorrenti rikonvenuta ntrabtet li wara li tkun iddepozitata “in escrow” is-software imsemmi f’dak il-ftehim (kif fil-fatt ghamlet), naqset illi tiddepozita “in escrow” updated versions tas-software code, kif kienet obbligata li taghmel.

"8. Illi hlief dak li jirrizulta mid-dokumenti rilevanti ghall-vertenza bejn il-kontendenti, il-fatt suesposti, id-dikjarant Stephen Muscat, ma jafx bihom personalment.

Dan premess l-imsemmija socjeta` konvenuta talbet li dik il-Qorti:-
“1. tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti rikonvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi taghha assunti permezz ta’ l-iskrittura privata tat-2 ta’ Mejju, 2003, u a bazi ta’ dokumenti ohra ralatati, fosthom l-Escrow Agreement ta’ l-24 ta’ Frar, 2004, versu s-socjeta` intimata rikonvenjenti;

“2. tiddikjara li minhabba l-indempjenza tas-socjeta` rikorrenti rikonvenuta fl-obbligi taghha assunti versu s-socjeta` intimata rikonvenjenti, kif inghad hawn fuq, is-socjeta` intimata rikonvenjenti sofriet danni.

“3. tilikwida d-danni sofferti mis-socjeta` intimata rikonvenjenti, jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi.

“4. tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti rikonvenuta thallas is-somma hekk likwidata bhala danni.

“Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta` rikorrenti rikonvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.”

Is-socjeta` attrici RS2 International (Malta) Limited pprezentat risposta ghal din il-kontro-talba li biha esponiet:
"Illi t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` G-T-P Group Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante:-

“1. Illi s-socjeta` rikorrenti rikonvenuta osservat l-obbligi kontrattwali taghha skond il-kuntratt, u anzi kienet is-socjeta’ intimata G-T-P Group Limited li naqqset fl-obbligi minnha kkontrattati u inoltre’ il-kuntratt de quo kien gie xolt ipso jure minhabba inadempjenti da parti tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti.

“2. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` rikorrenti rikonvenuta mhix responabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mis-socjeta` intimata rikonvenjenti ;

"3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` intimata rikonvenjenti ma sofriet ebda danni imputabbli lis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata.

"Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

"Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni."

Fl-ewwel udjenza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, u cioe` fit-30 ta' Ottubru, 2006 (fol. 88), dik il-Qorti ordnat li minhabba n-natura tal-kaz il-provi f'dak l-istadju jigu limitati biss ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine dwar in-nuqqas ta' kompetenza.

Wara li tressqu l-provi skond kif ordnat, dik il-Qorti, b'sentenza tad-29 ta' Mejju, 2009, wara li ghamlet numru ta' konsiderazzjonijiet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine, bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali, u dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet.
"Gie prezentat affidavit ta' Mario Schembri, Deputy Chief Executive Officer ta' RS2 Software Limited, li fih issemma li RS2 ghandha ufficcji gewwa Malta, Germanja u Ungerija, u li c-centru ta' Malta jipprovdi x-xoghol kollu ta' zvilupp (development services), li jinkludi project management u support services. Ix-xoghol kollu ta' development huwa taht persuni residenti f'Malta. Ix-xoghol kollu ta' installazzjoni u implimentazzjoni jsehh "remotely" permezz ta' konnessjoni ta' l-internet, u ghalhekk isir minn teknici minn Malta. Fil-kaz ta' G-T-P, ix-xoghol kollu ta' project management u support services, saru gewwa l-ufficcji ta' RS2, filwaqt li s-servizzi ta' development saru dejjem gewwa d-development centre. Pagamenti ta' G-T-P ghax-xoghol relatat mal-maintenance maghmula minn RS2 saru dejjem gewwa bank accounts f'Malta, skond kif jipprevedi l-kuntratt.

"Gie prezentat affidavit ta' Fiona Ciappara Cascun, li tahdem bhala financial controller ma' RS2 Software Limited, li fih issemma li l-ftehim bejn iz-zewg partijiet sar

fit-28 ta' Settembru 2001 u sussegwentement maintenance agreement gie iffirmat fit-2 ta' Mejju 2003. Ikkonfermat li RS2 hija kumpanija inkorporata Malta u topera minn Malta. Ix-xoghol isir minn development team bazat f'Malta waqt li l-pagamenti ta' G-T-P dejjem saru gewwa bank accounts f'Malta.

"Gie prezentat l-affidavit ta' Godwin Schembri, Chief Technical Officer ma' RS2 Software Limited, li fih issemma li RS2 ghandha ufficcji gewwa Malta, il-Germanja u l-Ungerija. Ix-xoghol kollu tas-software development huwa managed f'Malta u ebda xoghol ta' zvilupp (development) ma jsir barra minn Malta. Id-Development Centre ta' Malta huwa responsabbli ghal technical installations u implimentazzjoni tal-prodotti ta' RS2 li jsiru permezz ta' remote VPN connection fuq l-internet. B'hekk ix-xoghol isir minn Malta remotely.

"Rat l-affidavit ta' David Amato, li jahdem mal-RS2 Software Limited bhala Head of Project Management u semma li l-RS2 ghandha ufficji gewwa Malta, il-Germanja u l-Ungerija. It-team tieghu janalizza l-htigijiet tal-klijenti, jirraporta l-issues tal-klijenti lis-support team gewwa Malta, jipprovdi software updates u functional training. Is-software updates huma maghmula mid-development / support team gewwa l-ufficcju ta' Malta. It-training kollu tekniku jsir mid-development team gewwa Malta ghalkemm fuq rikjesta specifika esperti tal-RS2 jintbaghtu fuq is-siti tal-klijenti. Ir-release package komplut jigi mpoggi fuq l-FTP server tal-RS2 f'Malta jew jintbaghtu lill-klijenti pernezz ta' email.

"Rat l-affidavit ta' Helen Child Managing Director fil-G-T-P Group fejn semmiet li l- G-T-P hija kumpanija inkorporata fl-Ingilterra u Wales. Irreferiet ghall-ftehim tat-28 ta' Settembru 2001 u iffirmat f'Londra bejn il-kontendenti fejn ir-rikorrenti qablet li tinstalla u tissuplixxi u tillicenzja lill-intimata certu software ghall-uzu fir-Renju Unit. Fit-2 ta' Mejju, 2003 RS2 ftehmet li tissupplixxi kull sentejn updates tas-sistemi tal-RS2 u li tiehu hsieb faults fis-software. L-updates kellhom jigu delivered fl-Ingilterra. Ukoll l-RS2 kienu jmorru l-Ingilterra biex jipprovdu site

support u semmiet erba' okkazjonijiet fejn kien marru xi tlieta, erbat ijiem kull darba ghal dan l-iskop. Ziedet li bi ftehim tal-24 ta' Frar 2004 iffirmat f'Londra minnha ghal G-T-P, Mario Schembri ghal RS2 u Rob Cotton ghal NCC Escrow International Limited sar ftehim li RS2 tipprovdi u NCC izzomm f'escrow is-source code kif ukoll updates liema haga ma zammitx. Fil-klawsola 12 ta' dan il-ftehim qablu li dwar kull nuqqas ta' qbil ta' dan il-ftehim tittiehed decizjoni minn espert indipendenti mahtur jew mill-Managing Director tal-NCC (fl-Ingilterra) jew mil-Law Society jew Bar Council (fl-Ingilterra).

"Ghalhekk sostniet li l-ftehimijiet gew abbozzati u iffirmati fl-Ingilterra u li l-obbligazzjonijiet u support provdut minn RS2 huma principalment fl-Ingilterra; fil-fatt RS2 marru ghand l-intimata biex jaghmlu x-xoghol; li s-source code huwa mizmum fl-Escrow fl-Ingilterra.

"F. KUNSIDERAZZJONIJIET:

"Din id-decizjoni tirrigwarda eccezzjoni mqajma mis-socjeta` intimata a tenur ta' l-artikolu 741(a) tal-Kap 12 fejn insistiet li tapplika l-*Council Regulation* (EC) No. 44 ta' l-2001 tat-22 ta' Dicembru 2000 *On Jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in Civil and Commercial matters*, u dan ad eskluzjoni ta' l-artikoli 742, 743 u 744 tal-Kap 12, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 3(2) ta' l-imsemmija *Regulation* b'referenza ghall-Annex 1 mill-istess *Regulation*.

"Jinghad li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jirrigwardaw fl-essenza taghhom tliet aspetti:
"(a) dikjarazzjoni da parti ta' dina l-Qorti li is-socjeta` intimata naqset li thallas lis-socjeta` rikorrenti flus dovuti taht *maintenance agreement* datat 2 ta' Mejju, 2003 (is-somma ta' €97,168.99), u;

"(b) li ghalhekk il-kuntratt kien xolt *ipso iure* minhabba inadempjenza - l-ewwel tliet talbiet; u

"(c) kundanna ghall-hlas tal-flus dovuti taht l-istess ftehim.

“Is-socjeta` intimata eccepiet li:

“1. Illi preliminarjament, is-socjeta` intimata qeghda teccepixxi n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 741 (a) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u ghalhekk ghandha tkun illiberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.”

“Inoltre bla pregudizzju ghall-eccezzjoni premessa, is-socjeta` intimata ressqet ukoll eccezzjonijiet fil-mertu.

“Is-socjeta` intimata ghalhekk sostniet li tapplika l-*Council Regulation* (EC) No. 44/2001 tat-22 ta’ Dicembru 2000. Sostniet li fil-fatt japplika l-Artikolu 5 mill-*Council Regulation* (EC) No. 44/2001 tat-22 ta’ Dicembru 2000 li fil-paragrafu 1 jistipula testwalment:

*“A person domiciled in a Member State may, in another Member State, be sued:*

*1. (a) in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question;*

*(b) for the purpose of this provision and unless otherwise agreed, the place of performance of the obligation in question shall be*

*- in the case of the sale of goods, the place in a Member State where, under the contract, the goods were delivered or should have been delivered*

*- in the case of the provision of services, the place in a Member State where, under the contract, the services were provided or should have been provided,*

*(c) if subparagraph (b) does not apply then subparagraph (a) applies;”*

“Is-socjeta` intimata tikkontendi li hija socjeta` estera, registrata fir-Renju Unit, u ghalhekk ghandha titqies ghall-

finijiet u effetti kollha fil-Ligi, li hija domiciljata barra minn Malta, u cioe` gewwa r-Renju Unit. Jirrizulta wkoll li l-kawza odjerna tikkoncerna kuntratt (bejn il-kontendenti), li a tenur tieghu, is-socjeta` rikorrenti kienet obbligata li tizviluppa u tipprovdi *software*, u tipprovdi wkoll servizzi relattivament ghall-istess *software*, favur is-socjeta` intimata.

"Sa hawnhekk hemm ftehim bejn il-partijiet. Izda hija l-interpretazzjoni tal-kliem *provision of services* u fejn gew provvduti s-servizzi li ma hemmx il-qbil. Infatti huwa car li japplika l-artikolu 1(b) ta' l-artikolu 5 f'sezzjoni 2 tar-Regolamenti. Huwa car li hawnhekk wiehed qed jitkellem dwar *provision of services*, u ghalhekk il-gurisdizzjoni hija *where, under the contract, the services were provided or should have been provided*. Is-socjeta` intimata tikkontendi li l-konsenja tas-*software* u servizzi ghandhom jitqiesu li sehhew gewwa l-Ingilterra. Is-socjeta` rikorrenti tikkontendi l-oppost. Is-socjeta` rikorrenti kellha tipprovdi *maintenance* tal-*computer software*. Il-Qorti tosserva li hawnhekk mhux qed isir fornitura ta' prodott izda ta' servizz, u infatti *updates* u *maintenance* iehor ta' *software* certament huma servizzi u ma hemm xejn tangibbli li qed jigi trasferit. Il-lokuzzjoni tal-ligi hija fejn *the services were provided*, u l-Qorti hija tal-fehma li s-servizz gie provvdut f'Malta, ghax kif irrizulta mix-xhieda, dan is-*software* gie prodott f'Malta u anke mahdum minn Malta. Kif tirrizulta b'mod kristall id-*development centre* ta' Malta kienet responsabbli ghat-*techincal installations* u implimentazzjoni tal-prodotti ta' l-RS2. Fl-affidavit ta' Godwin Schembri jirrizulta car li dawn generalment isiru permezz ta' *remote VPN connection* fuq l-internet, li tippermetti lit-teknici ta' l-RS2 li jistallaw prodotti tas-*software* minn Malta *remotely*. Huwa veru li hemm kazijiet meta oltre dan u specjalment fuq rikjesta tal-klijent gieli jsir xoghol *on site*, izda b'daqshekk ma jfissirx li l-eccezzjoni ghar-regola ssir ir-regola. Wiehed irid iqis xi kwantita` ta' xoghol ikun sar f'Malta u xi ftit sar fl-Ingilterra biex jasal ukoll ghall-konkluzjoni ta' fejn verament *the services were provided*. Anke x-xoghol ta' *upgrading* u *bug fixing* f'hafna kazijiet isir minn Malta.

"Ta' min josserva li in rikonoxximent ta' dan hlasijiet mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti kien isir f'kontijiet bankarji li s-socjeta` rikorrenti ghandha ma' bank lokali – Bank of Valletta – f'Malta (Dokumenti FC1 sa FC10). Ghalhekk huwa ovvju li l-obbligu tal-hlas kien f'Malta u hemm referenza anke ghall-*base rate* stabbilita mill-Bank Centrali ta' Malta, artikolu 2.4.

"Fil-fehma tal-Qorti l-aspetti dwar l-*Escrow Agreement* m'ghandhiex ir-relevanza principali ghax huwa necessarju li l-Qorti tezamina t-talbiet u l-eccezzjonijiet principali biex tasal ghal decizjoni dwar il-gurisdizzjoni."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikorsipprezentat fit-3 ta' Lulju, 2009 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza parzjali fuq imsemmija u konsegwentement filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni taghha, tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata, u konsegwentement tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni limitatament ghall-kontro-talba tal-konvenut nomine.

Is-socjeta` attrici appellata pprezentat risposta ghar-rikors ta' l-apell tas-socjeta` konvenuta fejn, filwaqt li ssottomettiet li s-sentenza hija gusta, talbet li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, s-sentenza tigi konfermata.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta ressqet bazikament zewg aggravji kontra s-sentenza appellata billi qed jinghad in essenza li l-ewwel Qorti:

a) ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti, kif ukoll ghamlet konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; u

b) ghamlet apprezzament zbaljat tal-principji legali.

**Ikkunsidrat:**

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba maghmula minn socjeta` registrata hawn Malta kontra socjeta` estera registrata fir-Renju Unit biex din tal-ahhar tigi kkundannata thallas ammont dovut ghal "Maintenance Services" u servizzi ohra relatati, moghtija mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta, skond skrittura minnhom iffirmata fit-2 ta' Mejju, 2003. Qed jintalab ukoll ix-xoljiment tal-imsemmija skrittura u Schedule dwar il-Licence Fees minhabba indadempjenza tal-istess socjeta` konvenuta.

Fir-risposta taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet in linea preliminari l-inkompentenza tal-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 741(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement ghamlet ukoll eccezzjonijiet fil-mertu u sahansitra intavolat kontro-talba fejn talbet dikjarazzjoni mill-Qorti fis-sens li kienet is-socjeta` attrici li kienet inadempjenti l-obbligi taghha assunti bl-iskrittura tat-2 ta' Mejju, 2003, u liema inadempjenza kkawzat danni lilha, liema danni talbet li jigu likwidati w akkordati lilha.

Is-sentenza appellata hija wahda preliminari, u s-socjeta` konvenuta appellat mid-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti li rriteniet li l-ewwel eccezzjoni taghha koncernanti n-nuqqas ta' kompentenza tal-Qorti ma kinitx gustifikata. L-ewwel Qorti ddecidiet li hija kellha gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kaz u tiddecidieh.

**Ikkunsidrat:**

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti li l-kwistjoni mertu ta' din il-vertenza hija regolata bil-Council Regulation (EC) No. 44/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000 li jitkellem dwar "*jurisdiction and the recognition and enforcement of judgements in civil and commercial matters.*

Bhala regola generali l-Artikolu 2(1) tal-Council Regulation fuq imsemmija jistabilixxi li "*persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that Member State*". Izda eccezjonalment din ir-regola ma tapplikax billi huwa provdut fl-Artikolu 3(1)

li "*Persons domiciled in a Member State may be sued* *__in the courts of another Member State__* *only by virtue of the rules set out in Sections 2 to 7 of this Chapter."* Issa l-Artikolu 5 li jinsab fis-Section 2 intitolat Special Jurisdiction jipprovdi li

*"A person domiciled in a Member State may, in another Member State, be sued:*

*1. (a) in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question;*

*(b) for the purpose of this provision and unless otherwise agreed, the place of performance of the obligation in question shall be*

*- in the case of the sale of goods, the place in a Member State where, under the contract, the goods were delivered or should have been delivered*

*- in the case of the provision of services, the place in a Member State where, under the contract, the services were provided or should have been provided,*

*(c) if subparagraph (b) does not apply then subparagraph (a) applies;"*

L-Artikolu 60 tal-Council Regulation jitkellem dwar id-domicilju ta' "*a company or other legal person or association of natural or legal persons*" billi jipprovdi li dan ghandu jkun "*its statutory seat, or central administration or principal place of business*" u jispecifika li fil-kaz ta' *"the United Kingdom and Ireland 'statutory seat' means the registered office or, where there is no such office anywhere, the place of incorporation or, where there is no such place anywhere, the place under the law of which the formation took place.*" Mill-provi prodotti jirrizulta car li s-socjeta` konvenuta ghandha l-i'*statutory seat*' taghha gewwa l-Ingilterra, u dan huwa rikonoxxut mill-istess socjeta` attrici billi fl-okkju tal-kawza l-G-T-P Group Limited hija indikata bhala "*socjeta` estera registrata fir-Renju Unit bin-numru ta' registrazzjoni 4651546.*" Ma

hemmx dubju ghalhekk li d-domicilju tas-socjeta` konvenuta jinsab fir-Renju Unit.

Dan premess, irid jigi stabbilit jekk il-kaz in kwistjoni jaqax taht xi eccezzjoni kontemplata fis-Sections 2 sa 7 tal-istess Council Regulation.  Huwa stabbilit li s-socjeta` konvenuta topera n-negozju taghha permezz ta' sistema ta' *computers* li s-software relattiv ghal istess gie suplit mis-socjeta` attrici.  Bi ftehim milhuq bejn il-partijiet fit-2 ta' Mejju, 2003 is-socjeta` attrici ntrabtet li taghti servizz ta' maintenance ghas-sistemi tal- *computers* tas-socjeta` konvenuta.

Issa, huwa minnu li x-xoghol involut fil-preparazzjoni tal-'*prodott*' biex jinghata dan is-servizz jigi ezegwit gewwa Malta jew f'xi branka ohra tal-istess socjeta` attrici barra minn Malta; biss ma hemm ebda dubbju li dan is-servizz huwa indirizzat ghas-sistema tal-*computers* tas-socjeta` konvenuta li jinsabu gewwa l-Ingilterra u ghalhekk isegwi li dan is-servizz, li huwa regolat b'kuntratt kif jispecifika is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 5 tal-Council Regulation, huwa milqut bit-tieni subinciz tal-paragrafu (b) ta' l-istess subartikolu (1) tal-Artikolu 5  billi "*the place of performance of the obligation*" jkun "*the place in a Member State where, under the contract, the services were provided or should have been provided.*"  Cioe` l-Ingilterra.

Huwa ta' interess ukoll dak li jipprovdi l-Artikolu 16 tal-Council Regulation li jaghti x-xelta lill-konsumatur li jistitwixxi proceduri sew fil-qrati tal-pajjiz fejn il-kontro-parti jkun domiciljat jew fil-pajjiz tad-domicilju tieghu.  **Izda**, jkompli jghid dan l-artikolu fis-subartikolu 2, li "*proceedings may be brought against a consumer by the other party to the contract <u>only</u> in the courts of the Member State in which the consumer is domiciled.*"

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fir-risposta taghha l-kontro-parti rrilevat li s-socjeta` konvenuta ssottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Malta in vista tal-kontro-talba minnha intavolata.  Din

is-sottomissjoni hija msejsa fuq dak li jipprovdu l-Artikolu 24 tal-Council Regulation u l-Artikolu 743 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Din il-Qorti pero` hija tal-fehma li din is-sottomissjoni ma hijiex accettabbli u tosserva li ghalkemm ma insibux definizzjoni tal-frazi “*enters an appearance*” uzata fl-Artikolu 24 tal-istess Council Regulation huwa specifikat li din ir-regola ma tapplikax meta tali “*appearance*” “*was entered to contest the jurisdiction*”. Fil-kaz in ezami nsibu li l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta kienet proprju dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti quddiem liema giet imharrka. Inoltre l-Artikolu 743 tal-Kap 12 mhux applikabbli ghal kaz in ezami billi dik l-gurisdizzjoni tal-qrati tkun effettiva fil-konfront ta’ min ikun rikonvenut f’kawza proposta minnu. Fil-kaz in ezami s-socjeta` G-T-P Group Limited hija konvenuta billi ma kinitx hi li istitwit dawn il-proceduri.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija s-sentenza appellata qed tigi revokata u filwaqt li qed tintlaqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta appellanti, qed jigi dikjarat li l-Qrati Civili ta’ Malta ma ghandhomx gurisdizzjoni jiehdu konjizzjoni tal-kwistjoni sollevata fir-rikors promotorju, u anqas tal-kontrotalba.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha tal-kawza, kemm dawk in prim istanza kif ukoll ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati b’mod ugwali bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------